KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 29–IL-ĦAMIS 9 TA' MARZU 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:32 sat-20:09.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku(18:35)** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier (sa 19.00)** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier (sa 20.09)** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier (sa 20.04)** |
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier (18:40 sa 19:26)** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'apoloġija:** | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |
| **Assenti:** | **Daniel Grima** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**1. APOLOĠIJI**

**1.1. Il-Kunsillier A. Grima ġibed l-attenzjoni li s-Sindku li suppost tippresiedi l-laqgħa reġgħet ma kienitx fil-ħin. Is-Sindku wieġbet li kienet indisposta minħabba raġuni ta' saħħa għal ftit ħin.**

**1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsilliera Barbara u Piscopo nfurmawh li ma jistgħux jattendu.**

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Tressqu għall-approvazzjoni l-minuti ta' laqgħat 26, 27, u 28.

2.2. Waslet il-Kunsillier Buhagiar fis-18:40

2.3. Il-minuti ta' seduta numru 26 ġew approvati hekk kif preżentati.

2.4. Dwar minuti numru 27, emenda proposta mressqa mill-kunsilliera A. Grima, Tabone, Bugeja, u Cremona li qalu li ma jaqblux li ġew inmiżżla bħala assenti.

2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li teknikament il-laqgħa kienet bdiet fis-19:11 meta ntlaħaq il-quorum u mhux fis-19:00 x'ħin ġiet imsejjħa.

2.6. Il-Viċi Sindku qal li filwaqt li nirrikonoxxu l-ispjegazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li kkonsulta mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan, jipproponi li bi spirtu ta' tolleranza u armonija, il-kunsilliera li ħarġu għandhom jitniżżlu preżenti. Kien hemm qbil dwar dan.

2.7. Dwar punt 1.2 il-Kunsillier A. Grima talab li wara l-kelma 'preżenti' jiżdiedu 'u qiegħdha isfel flimkien ma' 3 kunsiliera tal-PN'. Intalab vot dwar din l-emenda Kien hemm erba' (4) voti favur u sitt (6) astensjonijiet.

2.8. Dwar punt 1.4 il-Kunsillier Grima talab li wara l-kelma 'kamra' jiżdiedu l-kliem 'bi protesta'. Kien hemm qbil dwar dan.

2.9. Il-minuti ta' seduta numru 27 ġew approvati hekk kif emendati.

2.10. Il-minuti ta' seduta numru 28 ġew approvati hekk kif preżentati.

## 3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Punti mill-minuti ta' seduta numru 27. Dwar punt 4.1 il-kunsillier A. Grima qal li l-inqas persuna li jista' jitkellem fuq ir-rispett lejn il-kunsilliera l-oħra huwa l-kunsillier D. Grima li l-aħħar li attenda għal-laqgħa fil-ħin kien diversi xhur ilu.

3.2. Dwar punt 4.2 l-kunsillier A. Grima qal li jikkundanna l-għaġir tas-Sindku u tal-kunsilliera Vella, Bezzina, u Fenech, li għalkemm kienu fl-uffiċini tal-Kunsill baqgħu isfel u li għalih dan huwa nuqqass ta' rispett. Is-Sindku wiegbet li huma kienu qiegħdin jiddiskutu diversi materji relatati mal-Kunsill.

3.3. Dwar punt 4.9 il-kunsillier A. Grima qal li kellu raġun meta qal li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad mhux jiffunzjona. Is-Sindku qalet li hi wkoll kienet qablet dwar il-fatt li mhux jiffunzjona u

fakkret li kien intalab lill-Ministru biex jiddikjara l-postijiet ta' żewġ membri bħala vakanti iżda l-Ministru ma kienx approva dan.

3.4. Dwar punt 5.2 il-kunsillier A. Grima qal li r-rapport finanzjarju ġie approvat u ħadd ma nduna bi żball f'xi ammonti li jinsabu f'paġna 16. Qal li l-kunsill għandu jiskrutinja aħjar rapporti bħal dawn. Is-Sindku wieġbet li l-accountant kienet tat spjegazzjoni dwar dawn l-ammonti. Il-kunsillier Bugeja talab li rapporti bħal dawn jibdew jiġu mgħoddija qabel lill-kunsilliera biex jiġu evalwati aħjar.

3.5. Il-kunsillier Tabone talab li jiġi skużat fis-19:00.

3.6. Dwar punt 6.8 il-kunsillier A. Grima staqsa min ser jagħmel tajjeb għas-CCTVs mitluba. Is-Sindku qalet li ser ikunu qed jintalbu li jsiru min-naħa ta' Green MT.

3.7. Dwar punt 6.13 is-Sindku qalet li hi ġiet infurmata mill-avukat Bonello li l-appell ġie mressaq.

3.8. Dwar punt 6.14 is-Sindku qalet li l-Kunsill applika għal fondi ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Is-Sindku qalet li fejn hu possibli ser issir applikazzjoni mal-istess Awtorita' sabiex il-Kunsill ikollu fondi addizzjonali barra l-allokazzjoni finanzjarja.

3.9. Dwar punt 6.16 il-kunsillier A. Grima qal li għandna noqgħodu attenti li ma nieħdu l-ebda deċiżjoni li tkun diskriminatorja. Il-kunsillier Bugeja ippropona li l-persuna jkollha linji gwida. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv spjegaw kif din il-persuna, skond korrispondenza li nstabet kienet ġiet mitluba mill-kunsill biex tagħmel xogħol ta' manutenzjoni u ta' handyman.

3.10. Dwar punt 7.1 il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi tweġiba. Ġie nfurmat li ntbagħtet it-tielet 'reminder'. Kien hemm qbil li għandna nagħtu data u ngħidu li jekk ma jkollniex tweġiba sa dik id-data allura ser jii terminat dan is-servizz min-naħa tal-Kunsill. Għandna naraw x'kien jinkludi l-kuntratt qabel tittieħed xi deċiżjoni.

3.11. Dwar punt 7.3 il-kunsillier A. Grima fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv li hemm ilment pendenti mal-bord ta' governanza dwar il-proċedura ta' kif ittieħed dan il-vot.

3.12. Il-kunsillier A. Grima qal li qiegħed ipoġġi fuq il-mejda tal-kunsill dokument bil-punti kollha li hu ressaq u talab li dan id-dokument jiġi nkorporat mal-minuti uffiċjali.

3.13. Dwar punt 9 is-Sindku qalet li l-attivitajiet kienu success u rringrazzjat lill-kunsilliera Fenech u Vella għas-sehem u l-għajnuna tagħhom fl-attivitajiet organizzati.

3.14. Dwar punt 12.3 is-Sindku staqsiet hekk hemmx min hu interessat li jkun parti mill-Bord kif gie propost waqt il-laqgha. Il-Viċl Sindku enfasizza li s-sehem ta' kunsillier tal-Partit Laburista ikun importanti. Il-kunsillier A. Grima qabel ma' dan u qal li hu kien għamel il-parti tiegħu meta kien fuq il-bord iżda ma jaqbilx mad-dewmien li kien qed ikun hemm. Il-kunsillier Bugeja qabel li jkun jagħmel parti mill-bord. u għalhekk il-Viċi Sindku ċeda postu għall-kunsillier Bugeja.

3.15. Dwar punt numru 14 is-Sindku nfurmat li is-Sinj. Sandra Grech aċċettat il-ħatra. Il-kunsillier A. Grima qal li għalkemm il-grupp kunsilliera tal-Partit Laburista ma kienux preżenti, iżda bhala Partit Laburista kienu esiġew mad-Dipartiment li għandhom ikunu impjegati tal-kunsill li jieħdu dan il-post. Qal li jaqblu ma' din il-ħatra u jawguraw lis-Sinj. Grech.

3.16. Punti mill-minuti ta' seduta numru 28. Is-Sindku qalet li l-Applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

3.17. Dwar punt 2.11 il-kunsillier A. Grima qal li għandhom jitniżżlu l-ismijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

4.1. Is-Sindku nfurmat li applikajna għal għajnuna taħt inizjattiva ta' għajnuna permezz ta' fondi għal attivitajiet kulturali, Il-Kunsill ser jibbenifika minn € 6,000 għall-attivita relatata mat-Torri ta' Wignacourt.

4.2. Korrispondenza dwar korsijiet ta' lifelong learning li normalment isiru l-iskola. Is-Sindku tat lista tal-korsijiet. Jekk xi kunsillier jaħseb li hemm xi korsijiet partikolari li l-kunsill għandu japplika għalihom għandu jressaq il-proposti mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija jagħmel dawn il-korsijiet ġewwa l-iskola fejn il-Kunsill iħallas biss għall-persuna li tibqa' bħala security u biex tagħlaq l-iskola.

4.3. Is-Sindku qrat korrispondenza minn TCTC dwar kors bl-isem Robotika li jitratta 'robotics, coding and programming for children'. L-ispiża hija ta' €1150 u l-kompjuters jiġu provduti mill-organizzaturi. Kien hemm qbil li jsir dan il-kors.

4.4. Korrispondenza dwar bankina fi Triq il-Iaċċi minn residenti li ser ikunu qed jagħmlu alterazzjonijiet fil-propjeta biex jiġi nstallat lift għal persuna b'diżabilita' u rampa fil-parti komuni miftuħa għall-pubbliku, liema xogħol ser jiswa eluf ta' ewro. Is-Sindku spjegat li r-residenti qed jitolbu l-għajnuna tal-kunsill f'dan ix-xogħol. Dan mhux ser jaffetwa postijiet ta' parkeġġ peress li ma' dik in-naħa ma jipparkjawx karrozzi. Kien hemm qbil li sakemm dan ma jkunx ta' detriment għal ħaddieħor, għandha titbaxxa l-bankina biex ikun hem aċċess għar-rampa.

4.5. Il-kunsillier Buhagiar talbet li tiġi skużata fis19:26

4.6. Is-Sindku qalet li ż-żjara ta' Claudia Faniello fil-kunsill hija konfermata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu fil-11.00am. Il-kunsillier A. Grima staqsa x'kienet ir-raġuni li dawn il-laqgħat qed isiru filgħodu meta diversi kunsilliera jkunu xogħol. Is-Sindku qalet li dan l-appuntament ġie mitlub mill-kunsill iżda d-data u l-ħin ingħataw min-naħa tagħhom. Is-Sindku ssuggeriet li jingħata token ta' aprezzament. Kien hemm qbil dwar dan.

4.7. Il-kunsillier Bezzina tat informazzjoni dwar il-ħarġa kulturali li jmiss li ser issir it-Tlieta 21 ta' Marzu u tinkludi żjara fil-Crafts Village Ta' Qali u ikla l-Imġarr. Is-Sindku rringrazzjat lill-kunsillier Bezzina għad-dedikazzjoni tagħha sabiex kull xahar torganizza dawn il-ħargiet.

4.8. Is-Sindku semmiet żewġ applikazzjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar, waħda li tinkludi proposta ta' tunnel fil-viċinanzi ta' San Antonio Hotel u oħra dwar il-proġett tal-pjazza ta' Bugibba. Is-Sindku pproponiet laqgħa ma' l-applikanti u mal-periti biex il-kunsill u r-residenti jkollhom aktar informazzjoni u sabiex il-Kunsill ikun jista' jiehu pożizzjoni fil-perjodu stipulat mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 5. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI

5.1. Il-kunsillier Fenech staqsiet dwar l-ammonti ta' fuel li qed jintefaq fuq il-vetturi tal-kunsill u jekk dan hux esaġerat. Ġie spjegat li l-ammonti jkopru tliet vetturi u li waħda mill-vetturi tintuża kuljum filgħodu u anke wara nofsinhar inkluż in-nofs ta' nhar tas-Sibt filgħodu peress li l-ħinijiet tal-ħaddiema jvarjaw.

5.2. Il-kunsillier Bugeja ssuġġerixxa li tinbidel il-mejda tal-kunsill u ssir xi ħaġa fejn ħadd mill-kunsilliera ma jħossu li mhux parti mid-diskussjoni. Kien hemm qbil li nfittxu prezzijiet.

5.3. Il-kunsillier Cremona staqsa dwar il-qtugħ tal-Palm fid-dawra tax-Xemxija. Ġie nfurmat li ntalbu tliet stimi biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Kien hem qbil li jsir dan ix-xogħol.

5.4. Il-kunsillier A. Grima ssuġġerixxa li l-kunsill jibda jitlob stimi differenti ta' prezzijiet relatati ma' oġġetti u servizzi li juża l-kunsill u li dawn jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

5.5. Il-kunsillier Bugeja ssuġġerixxa li apparti l-iskeda ta' pagamenti kif inhi, ikun hemm ukoll rendikont apparti (*itemised*) fil-każ ta' attivitajiet partikolari (eż. Il-Milied jew il-karnival).

5.6. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata hekk kif preżentata.

## 6. APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI (BUDGET) GĦAS-SENA 2017

6.1. Is-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa biex l-accountant tispjega l-budget tas-sena 2017. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-19:50 sabiex l-accountant tispjega l-budget.

6.2. Il-kunsillier Cremona talab li jiġi skużat fit-20:04

6.3. Il-kunsillier Bezzina talbet li tiġi skużata fit-20:09

6.4. Ma kienx hemm aktar kworum u l-laqgħa kellha tieqaf.

## 7. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-20.09.

7.2 Id-data tas-seduta li jmiss hija l-Ħamis 6 t'April fis-18:30.

IFFIRMATA

**Graziella Galea**
**Sindku**

IFFIRMATA

**Malcolm Agius**
**Segretarju Eżekuttiv**